

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 1/2017 TAS-SOTTOKUMITAT TAL-KUMMERĊ U TAL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI BEJN L-UE U L-UKRAJNA

tat-30 ta' Mejju 2017

li biha jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu [2018/235]

IS-SOTTOKUMITAT TAL-KUMMERĊ U TAL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI BEJN L-UE U L-UKRAJNA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 300 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 486 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), partijiet tal-Ftehim, inkluż il-Kapitolu 13 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli) tat-Titolu IV (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ), huma applikati proviżorjament mill-1 ta' Jannar 2016.
- (2) L-Artikolu 300 tal-Ftehim jipprevedi li s-Sottokumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp Sostenibbli ("is-Sottokumitat TSD") għandu jiltaqa' sabiex tiġi ssorveljata l-implimentazzjoni tal-Kapitolu 13 tat-Titolu IV tal-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 300(1) tal-Ftehim jipprevedi li s-Sottokumitat TSD għandu jstabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Ir-Regoli ta' Proċedura tas-Sottokumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp Sostenibbli, kif stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2017

*Għas-Sottokumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp Sostenibbli bejn l-UE u l-Ukrajna*

*Il-President*

*Is-Segretarji*

M. TUININGA

M. VADIS

D. KRAMER

<sup>(1)</sup> ĠUL 161, 29.5.2014, p. 3.

## ANNEX

**Regoli ta' Proċedura tas-Sottokomitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp Sostenibbli bejn l-UE u l-Ukrajna***Artikolu 1***Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Is-Sottokomitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp Sostenibbli ("is- Sottokomitat TSD"), stabbilit bis-saħħa tal-Artikolu 300 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra <sup>(1)</sup> ("il-Ftehim"), għandu jassisti lill-Komitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tiegħu tal-Kummerċ, kif imsemmi fl-Artikolu 465(4) tal-Ftehim, fil-qadi ta' dmirijietu.
2. Is-Sottokomitat TSD għandu jwettaq il-funzjonijiet stipulati fil-Kapitolu 13 (Kummerċ u żvilupp sostenibbli) tat- Titolu IV (Kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ) tal-Ftehim.
3. Is-Sottokomitat TSD għandu jkun kompost minn rappreżentanti li jaħdmu fl-amministrazzjoni ta' kull Parti, responsabbli għall-kwistjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.
4. Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-Ukrajna r-responsabbli għall-kwistjonijiet tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli għandu jaġixxi bħala President tas-Sottokomitat TSD.
5. Għall-finijiet ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, tapplika d-definizzjoni tat-terminu "Partijiet" stabbilita fl-Artikolu 482 tal-Ftehim.

*Artikolu 2***Dispożizzjonijiet speċifiċi**

1. L-Artikoli minn 2 sa 14 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Komitat ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura.
2. Ir-referenzi għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandhom jinqraw bħala referenzi għall-Komitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tiegħu tal-Kummerċ. Ir-referenzi għall-Komitat ta' Assoċjazzjoni jew il-Komitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tiegħu tal-Kummerċ għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għas-Sottokomitat TSD.

*Artikolu 3***Laqgħat**

Is-Sottokomitat TSD għandu jiltaqa' kif meħtieġ. Il-Partijiet għandhom jimmiraw li jiltaqgħu darba fis-sena.

*Artikolu 4***Emenda**

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jiġu emendati b'deċiżjoni tas-Sottokomitat TSD bejn l-UE u l-Ukrajna skont l-Artikolu 300(1) tal-Ftehim.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 161, 29.5.2014, p. 3.